# GĦALIEX GIRGOR BUTTIĠIEG INDIFEN SAN ĠORĠ U MHUX IN-NADUR?

**Toni Calleja**

Kull min iħobb l-istorja bis-serjetà u din jagħmilha parti minn ħajtu, waqt li jipprattika din in-namra, b'qari, studju, kitba jew riċerka, spiss ikun iffaċċjat b'ċerti kurżitajiet li qajla tifhimhom. Nagħtu almenu eżempju wieħed – dak li rridu nibnu l-artiklu dwaru – Girgor Buttiġieġ.

Min fin-Nadur, b'mod speċjali, ma jafx bl-istejjer ta' dan ir-raġel umli mimli bl-imħabba u bil-biża' t'Alla u b'devozzjoni lejn il-Verġni Mbierka? Il-Kan. Ġann Piet Franġisk Agius de Soldanis kiteb tajjeb ħafna dwaru u jinkludih fl-aħħar taqsima ta' l-opra tiegħu ma' Għawdxin oħra li kienu kbar fil-qdusija u fil-għerf, u fuq oħrajn barranin li mietu f'Għawdex.**(1)**

Għall-fini ta' din il-kitba, ma jinteressanhiex x'qal Agius de Soldanis dwar il-virtujiet u l-preġji ta' Girgor Buttiġieġ. Jinteressana biss fejn jingħad li, wara li temm ħajtu fuq din l-art bi fwieħa ta' qdusija, nhar is-26 ta' Jannar, 1717, fl-għomor ta' ċirka 90 sena, indifen fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ Martri, ir-Rabat.**(2)** Il-kurżità ta' ħafna nies hi kif persuna illustri Naduri bħal dak, indifen barra r-raħal!


EGO INFRASCRIPTUS ARCHIP: PAROCHUS ET RECTOR
SANCTÆ MATRICIS ARCHIP: ET PAROCH: ECCLESIÆ Collag:
SS.RUM AP. PETRI ET PAULI
TERRÆ NADUR
GAUDISIEN DIŒCESEOS.

UNIVERSIS et singulis has litteras inspecturis fidem facio ac testor in libro Matrimoniorum hujusmet Ecclesiæ, inter cœteras extare sequentem notulam videlicet;
Anno Domini Millesimo sexcentesimo octogesimo Nono (1689)
Die vero vigesima sexta (26) Julii
Io D.r Bernardo Haber Parroco essendo state fatte le tre pubblicazioni in tre feste 3. 10. 17. Luglio 1689. Conforme il S. C. Trid: ho celebrato il matrimonio per verba de presenti di Margarita fig: di Gregorio Buttigieg e della fu Laurenza mia parrocchiana; e di Domenico Gauci fig: di Alessandro e Graziella della Parrocchia di Rabbato sposi in presenza di Aloysio Borg e Luca Portelli.

In quorum fidem
Die 14 Decembris 1895.
Joannes Camilleri Archip.

Iċ-Ċertifikat taż-Żwieġ ta' bint Girgor Buttigieg. Dan id-dokument, datat 14 ta' Diċembru, 1895, mhux biss huwa interessanti għax hu ta' min hu, imma wkoll għax inħareġ ftit aktar minn sitt xhur biss wara l-għoti tal-Kolleġġjata. Ta' min jinnota li billi l-Arċ. Dun Ġwann Camilleri kien għad ma għamilx karti parrokkjali bl-intestatura *(letterhead)* ġdida, hdejn il-kelma *'Ecclesiae'*, kiteb il-kelma *'Colleg'* (Kolleġġjata, imqassra), bil-pinna.

Patri Alessandru Bonniċi O.F.M. Conv., fl-opra valuruża tiegħu, *'In-Nadur – Ġrajjiet Kolleġġjata u Bażilika Imxebilkin Fil-ħajja Soċjali ta' Għawdex'*, jgħid li "Fl-aħħar żmien ta' ħajtu, Girgor Buttiġieġ kien marid ir-Rabat".**(3)** Imma marid ir-Rabat, kif, fejn? Il-qarib tiegħi, Dun Nikol Vella Apap, f'*'Il-Ħajja f'Għawdex'*, f'artiklu mis-sensiela *'Għawdxin li għamlu Isem'*, imur aktar minn hekk u jgħid li hu miet, "fl-Isptar li kien hemm fil-Gran Kastell".**(4)** Dan it-tagħrif, Vella Apap ma nafux mnejn siltu; forsi ħareġ bih minn żniedu għax la jtih Agius de Soldanis u lanqas joħroġ mir-reġistrazzjoni tal-mewt li hemm San Ġorġ. Terġa' u tgħid, l-isptar taċ-Ċittadella kien wieħed 'tan-nisa'!

Il-Kan. Dun Nikol Vella Apap kien kittieb fitt u assidwu, u din l-asserzjoni, nifhem li wasal għaliha bid-deduzzjoni loġika. Għax nistħajjel jgħidlek li la Girgor Buttigieg indifen San Ġorġ, patrijott Naduri bħal dak, żgur miet fl-"Isptar ta' San Ġiljan" jew "Sptar San Ġwann Evanġelista", skond x'kien jismu dak l-isptar fl-1717. Fl-istorja huma bosta dawk il-kittieba li jirrikorru għal-loġika fejn isibu xi lakuna. Biss fejn tidħol l-istorja, dan l-użu hu perikoluż ħafna. Għal daqstant, din is-sistema għandha tintuża mill-inqas, u dejjem l-aħħar ħaġa, wara li l-kittieb – matur u infurmat tajjeb fil-materja – ikun wettaq dik ir-riċerka kollha mmaġinabbli. U meta tingħad, għall-prudenza, għandha tiġi ppreżentata b'kawtela u mhux qisha Vanġelu.

Intant, fil-fatt, il-qagħda ta' Girgor Buttigieg ir-Rabat ma kellhiex x'taqsam ma' mard kroniku. Infatti, de Soldanis jgħidilna ċar u tond li: "**Kien hawn ir-Rabat,** meta l-Madonna bagħtitlu marda qalila u twila li hu sofrieha b'paċenzja ta' Ġobb għall-imħabba tagħha". Voldieri meta marad ġa kien jgħammar ir-Rabat. Allura x'kienet ir-raġuni li lil Girgor, jew Grejger (diminuttiv ta' Girgor), min-Nadur niżżlitu joqgħod ir-Rabat?

L-aktar raġuni plawsibbli għal din il-mistoqsija, naħsbu li kienet din:

Fis-26 ta' Lulju, 1689, allura fl-ewwel xhur mit-twaqqif tal-parroċċa l-ġdida tan-Nadur, Dun Bernard Haber, l-ewwel Kappillan, wara t-tliet pubblikazzjonijiet (tnedijiet) fit-tliet festi: 3, 10, u 17 ta' Lulju, skond il-Konċilju Tridentin, iċċelebra ż-żwieġ bejn **Margerita Buttiġieġ**, bint Gregorju u l-mejta Lorenza, parruċċana tiegħu, u **Dumink Gauci**, bin Alessandru u Grezzjulla, mill-parroċċa tar-Rabat, fil-preżenza tax-xhieda: Wiġi Borġ u Luqa Portelli.**(5)**

Dumink Gauci, ħaten Girgor Buttigieg, kien ħaddiem, u armat bir-raba'. Difatti nafu li xi snin wara li żżewweġ ħa b'enfitewsi, qbiela fit-tul, biċċa raba' mdaqqsa fil-kuntrada tal-Vajringa (ir-Rabat), ukoll magħrufa bl-istess isem, minn għand il-Kan. Dun Ġwann Pietru Dalli, prokuratur ta' l-Artal tas-SSmu. Sagrament imwaqqaf fil-Knisja Matriċi u Kolleġġjata ta' Għawdex, kif jidher mill-Atti tan-Nutar Wiġi Grech tal-20 ta' Novembru, 1707.

Wara li żżewġet, Grezz marret toqgħod ir-Rabat fejn ġa kien domiċiljat żewġha Dumink qabel ħa l-istat tiegħu. Dan nafuh mill-fatt li t-tmint itfal li kellhom, kollha tgħammdu r-Rabat:**(6)**

1) **Ġużepp**, tgħammed fit-18 ta' Marzu, 1691. Nhar l-10 ta' Novembru, 1715, iżżewweġ ix-Xewkija lil Madalena Bigeni;

2) **Mikiel** – tgħammed nhar l-4 ta' Diċembru, 1693. Iżżewweġ ix-Xagħra lil Tumasa Attard nhar it-12 ta' Settembru, 1717, kważi tmien xhur biss fuq il-mewt ta' nannuh Girgor Buttiġieġ;

3) **Marija** – tgħamdet fit-23 ta' Settembru, 1696;



Iċ-Ċertifikat tal-mewt ta' Girgor Buttiġieġ mill-Ewwel Reġistru tal-Mejtin tal-Parroċċa ta' San Ġorġ.



Il-pjanta tar-raba' tal-Vajringa

4) Pawlu – twieled nhar id-9 ta' Frar, 1699. Iżżewweġ lil Grezzja Tabone nhar l-4 ta' Ġunju, 1719 fil-Matriċi. Minn dan iż-żwieġ ma kienx hemm ulied;

5) Ġorġ – twieled nhar il-21 ta' Marzu, 1701; baqa' ġuvni ħajtu kollha;

6) Marija – twieldet nhar l-4 ta' Awissu, 1702. Id-dokument li għandna f'idejna ma jagħtix informazzjoni aktar dwar din it-tifla, u lanqas jgħidilna jekk bejn xorti l-ewwel Marija kenitx laħqet mietet jew le ... imma biex semmew Marija oħra!

7) Roża Marġ – twieldet nhar is-6 ta' Jannar, 1705;

8) Ġio Maria Grezzju – twieled fil-15 ta' Settembru, 1706.

## Konklużjoni

It-tagħrif li għadna kemm ipproduċejna jippermettilna noħolqu xenarju ta' kif naħsbu li seħħew iċ-ċirkustanza li kaġun tagħhom, Girgor Buttiġieġ, wieħed mill-aktar Nadurin storikament rinomati, spiċċa biex indifen barra raħal twelidu li żgur tant kien iħobb u jgħożż.

Il-bniedem mhux tal-ħadid u ż-żmien jagħmel wisq bih. Nifhem li meta beda jikber u ma baqax ta' waħdu, bintu Margerit ħasbet li tiġbru magħha r-Rabat. Minħabba l-kobor tal-familja, u x'aktarx ukoll minħabba dik id-daqqa t'id li riedet tagħti lil żewġha fir-raba' u fit-trobbija tal-bhejjem, ma setgħetx toqgħod tiela' u nieżla n-Nadur tara 'l missierha. Għalhekk qatgħewha li jiġbruh magħhom ir-Rabat. B'dan il-mod, meta miet tqies parruċċan ta' l-Arċipriet tal-Matriċi, u tar-Rabat kollu; inzerta joqgħod fit-territorju tal-parroċċa ta' San Ġorġ, u b'hekk indifen fit-tali knisja skond in-norma ta' dak iż-żmien.

Ix-xenarju ppreżentat huwa ipotetiku kemm tridu...iva, imma daqstant ieħor jista' jkun dak reali! Id-deċiżjonijiet inħalluhom għall-qarrej.


**Referenzi:**

(1) NAG, ZM, 01/01. Ara wkoll: Ġ. Farrugia, *Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu*, Malta 1953, II, p. 154.

(2) Arkivju Parrokkjali ta' San Ġorġ Martri – Victoria, *Liber Defunctorum*, 1 (1683-1760), *f.* 151r.

(3) A. Bonnici, *In-Nadur –Ġrajjiet Kollġġjata u Bażilika Imxebilkin Fil-Ħajja Soċjali ta' Għawdex*, Malta 1984; I, 129.

(4) N. V. Apap, *Il-Ħajja f'Għawdex*, Marzu 1971, p. 19.

(5) Dan kien wieħed mill-ewwel ftit żwiġijiet iċċelebrati mill-Kappillan Dun Bernard Haber. Infatti jaħbat eżatt għeluq ix-xahar fuq l-ewwel wieħed, meta allura, nhar is-26 ta' Ġunju 1689, kien żewweġ lil Ġużeppi Cusgeg u Grezz Cremona.

(6) NAG, CG, 04/37, *ff.* 220r-224r; estratt mill-ġuljana tal-mejjet Nutar Felice Attard, miġbur, u ffirmat minn ibnu Pietru; Rabat – Għawdex, 10 ta' Lulju 1893.